KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ppreżentati fis-7 ta' Marzu 2016 [1]

Kawża C-207/15 P

Nissan Jidosha KK

"Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali 'CVTC' — Rifjut parzjali tat-talba għat-tiġdid mill-eżaminatur"

1. Permezz ta' dan l-appell, il-kumpannija Nissan Jidosha KK (iktar 'il quddiem, "Nissan") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2015, fil-Kawża T-572/12, Nissan Jidosha vs UASI (CVTC) [2] (iktar 'il quddiem, is-"sentenza appellata").

2. Fis-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Nissan kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (iktar 'il quddiem, l-"UASI") tas-6 ta' Settembru 2012 (Każ R 2469/2011-1), li, min-naħa tiegħu, kien ikkonferma r-rifjut parzjali ta' dan l-organu tat-talba għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 2188118, CVTC.

3. It-tilwima fl-appell tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja [3], kunċett li sa issa għadu ma ġiex interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Man-natura inedita tal-kwistjoni ġuridika mqajma għandha tiżdied in-natura traxxendenti tagħha għall-proċedimenti għat-tiġdid tat-trade marks, b'mod iktar speċifiku, biex tiġi ċċarata s-sistema tat-termini applikabbli.

I. **Il-kuntest ġuridiku**

A. *Ir-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja*

4. L-Artikolu 46 jipprovdi:

"It-trade marks Komunitarji għandhom jiġu reġistrati għal perjodu ta' għaxar snin mid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni. Ir-reġistrazzjoni tista' tiġi mġedda skont l-Artikolu 47 għal perjodi oħrajn ta' għaxar snin."

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — EU:T:2015:136.

3 — Regolament tal-Kunsill (KE), tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 78, p. 1).

5. L-Artikolu 47 jipprovdi:

“1. Ir-reġistrazzjoni ta’ trade mark Komunitarja għandha tiġi mġedda fuq talba tal-proprjetarju tat-trade mark jew ta’ kull persuna espressament awtorizzata minnu, sakemm id-drittijiet ikunu tħallsu.

2. L-Uffiċċju għandu jinforma lill-proprjetarju ta’ trade mark Komunitarja, u lil kull persuna li jkollha dritt reġistrat fir-rigward tat-trade mark Komunitarja, li r-reġistrazzjoni tkun waslet biex tiskadi sew qabel ma din tiskadi. Jekk din l-informazzjoni ma tingħatax, dan ma jinvolvix ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju.

3. It-talba għat-tiġdid għandha tiġi sottomessa fi żmien perjodu ta’ sitt xhur li jagħlaq fl-aħħar jum tax-xahar ta’ meta tispiċċa l-protezzjoni. Id-drittijiet għandhom jiġu mħallsa wkoll f’dan il-perjodu. Jekk dan ma jseħħx, it-talba tista tiġi sottomessa u d-drittijiet jistgħu jiġu mħallsa fi żmien perjodu ieħor ta’ sitt xhur wara l-jum imsemmi fl-ewwel sentenza, sakemm jiġi mħallas dritt f’dan il-perjodu l-ieħor.

4. Jekk it-talba tiġi sottomessa jew jekk id-drittijiet jiġu mħallsa biss fir-rigward ta’ xi whud mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark Komunitarja tkun irreġistrata, ir-reġistrazzjoni għandha tiġi mġedda għal dawk il-prodotti jew servizzi biss.

5. It-tiġdid għandu jkollu effett mill-jum ta’ wara d-data meta r-reġistrazzjoni eżistenti tiskadi. It-tiġdid għandu jiġi reġistrat.”

6. L-Artikolu 48 għandu jinqara’ kif ġej:

“1. It-trade mark Komunitarja m’għandhiex tinbidel fir-Reġistru waqt il-perjodu ta’ reġistrazzjoni jew ladarba tiġġedded.

2. Madanakollu, jekk it-trade mark Komunitarja tinkludi l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju, kull tibdil li ma jaffetwax b’mod sostanzjali l-identità tat-trade mark kif kienet reġistrata oriġinarjament jista’ jiġi reġistrat fuq talba tal-proprjetarju.

3. Il-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni tat-tibdil għandha turi xbieha tat-trade mark Komunitarja kif inbidlet. It-terzi persuni li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu affetwati mit-tibdil jistgħu jikkontestaw ir-reġistrazzjoni fi żmien perjodu ta’ tliet xhur wara l-pubblikazzjoni.”

7. Skont l-Artikolu 50,

“1. Trade mark Komunitarja tista’ tiġi ċeduta fir-rigward ta’ xi whud mill-prodotti jew servizzi li għalihom tkun reġistrata jew fir-rigward ta’ kollha.

2. Iċ-ċessjoni għandha tiġi ddikjarata lill-Uffiċċju bil-miktub mill-proprjetarju tat-trademark. M’għandhiex ikollha effett qabel ma tiddaħħal fir-Reġistru.

[…]”

B. *Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (KE) Nru 2868/95* [4]

8. Biex tiġi speċifikata l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja fl-1995 ġie adottat ir-Regolament Nru 2868/95, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 [5] dwar it-trade mark tal-Komunità (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament ta' Implementazzjoni"), li r-Regola 30 tiegħu ("Tiġdid tar-reġistrazzjoni") tipprovdi:

"1. Applikazzjoni għal tiġdid għandha tinkludi:

a) l-isem tal-persuna li qed titlob it-tiġdid;

b) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trejdmark tal-Komunità li trid tiġi mġedda;

c) jekk it-tiġdid jiġi mitlub għal parti biss mill-oġġetti u servizzi li għalihom il-marka hi rreġistrata, indikazzjoni ta' dawk il-klassijiet jew dawk l-oġġetti u servizzi li għalihom it-tiġdid hu mitlub jew dawk il-klassijiet jew dawk l-oġġetti u servizzi li għalihom it-tiġdid mhux mitlub, miġbura skond il-klassijiet tal-klassifikazzjoni ta' Nizza, kull grupp ikun preċedut bin-numru tal-klassi ta' dik il-klassifikazzjoni li għaliha l-grupp ta' oġġetti jew servizzi jappartjeni u ppreżentat fl-ordni tal-klassijiet ta' dik il-klassifikazzjoni.

[…]

4. Metal l-applikazzjoni għat-tiġdid hija ffajljata fiż-żmien msemmi fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament, iżda l-kundizzjonijiet l-oħra dwar it-tiġdid msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament u dawn ir-Regoli ma ntlaħħqux, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant fuq in-nuqqasijiet li nstabu.

5. Fejn l-applikazzjoni għat-tiġdid hi ffajljata jew hi sottomessa wara l-iskadenza tal-perjodu li għalih hu pprovdut fit-tielet sentenza ta' l-Artikolu 47(3) tar-Regolament, jew fejn il-miżati m'humiex imħallsa jew jitħallsu biss wara li l-kwestjoni skadiet, jew fejn id-defiċjenzi m'humiex rimedjati f'dak il-perjodu, l-Uffiċċju għandu jiddetermina li r-reġistrazzjoni skadiet u għandu jinnotifika b'dan lill-propjetarju tat-trejdmark tal-Komunità.

Fejn il-miżati mħallsa m'humiex suffiċjenti biex ikopru l-klassijiet kollha ta' l-oġġetti u servizzi li għalihom it-tiġdid qed jintalab, tali determinazzjoni ma ssirx jekk ikun ċar liema klassi jew klassijiet għandhom ikunu koperti. Fl-assenza ta' kriterji oħra, l-Uffiċċju għandu jqies il-klassijiet fl-ordni tal-klassifikazzjoni.

6. Fejn id-determinazzjoni magħmula skond paragrafu 5 saret finali, l-Uffiċċju għandu jikkanċella l-marka mir-reġistru. Il-kanċellazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-jum wara l-jum li fih ir-reġistrazzjoni eżistenti tiskadi.

[…]"

4 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189); emendata għall-aħħar darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 355/2009, tal-31 ta' Marzu 2009 (ĠU L 109, p. 3). Teżisti verżjoni kkonsolidata f'EurLex.

5 — Anteċedenti għar-Regolament Nru 207/2009 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

9. Ma humiex applikabbli għall-każ, *ratione temporis*, l-emendi introdotti bir-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u b'dak ta' Implementazzjoni għar-Regolament (UE) 2015/2424,[6] tas-16 ta' Diċembru 2015[7].

II. **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

10. Skont il-fatti esposti fis-sentenza appellata, fit-23 ta' April 2001 Nissan ressqet applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja quddiem l-UASI, b'rabta mas-sinjal figurattiv li ġej:



11. Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għat-trade mark jaqgħu fil-klassijiet 7,[8] 9[9] u 12[10] tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi għall-finijiet tar-Reġistrazzjoni ta' Trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957[11].

12. Fid-29 ta' Ottubru 2003, l-UASI rreġistra t-trade mark suġġett tat-tilwima għal dawn it-tliet klassijiet ta' prodotti.

13. Fis-27 ta' Settembru 2010, l-UASI kkomunika lil Nissan, bħala proprjetarja tad-dritt u fid-dawl tat-tiġdid eventwali tagħha, l-iskadenza imminenti tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tagħha (prevista għat-23 ta' April 2011).

14. Fis-27 ta' Jannar 2011, Nissan ressqet it-talba għat-tiġdid tat-trade mark tagħha, limitata għall-oġġetti fil-klassijiet 7 u 12.

15. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Mejju 2011 l-UASI informa lil Nissan, minn naħa, dwar l-inklużjoni tat-tiġdid tat-trade mark tagħha fir-Reġistru (fit-8 ta' Mejju 2011) għall-prodotti fil-klassijiet 7 u 12; min-naħa l-oħra, indikalha li kien ikkanċella, fir-rigward tal-istess trade mark, ir-reġistrazzjoni tal-prodotti fil-klassi 9.

16. Permezz ta' ittri tal-14 u tat-22 ta' Lulju, kif ukoll tal-1 ta' Awwissu 2011, Nissan insistiet mal-UASI sabiex jinkludi l-prodotti fil-klassi 9 fit-tiġdid tat-trade mark tagħha.

17. Fis-26 ta' Awwissu 2011, l-Uffiċċju fejn saret ir-reġistrazzjoni ċaħad l-imsemmija talba. Id-Diviżjoni tal-amministrazzjoni tat-trade marks ikkonfermat din id-deċiżjoni billi, fit-28 ta' Settembru 2011, ċaħdet it-talba għal annullament ta' Nissan kontriha.

6 — Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU L 341, p. 21).

7 — Id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jidħlux fis-seħħ qabel it-23 ta' Marzu 2016. Fi kwalunkwe każ, ma jintroduċux bidliet sostanzjali fl-artikoli rilevanti għas-soluzzjoni ta' dan l-appell.

8 — Il-klassi 7 telenka: magni u għodda tal-magni; muturi u magni (minbarra għal vetturi ta' fuq l-art), komponenti li jiggančjaw il-magni u għat-trażmissjoni (minbarra għal vetturi ta' fuq l-art), implimenti għall-użu fl-agrikoltura minbarra dawk li jitħaddmu bl-idejn; inkubaturi għall-bajd u magni ta' distribuzzjoni awtomatiċi.

9 — Il-klassi 9 tinkludi: apparat u strumenti xjentifiċi, nawtiċi, għal ġeodesija, fotografiċi, ċinematografiċi, ottiċi, tal-użin, tal-kejl, ta' sinjalar, ta' kontroll (ispezzjoni), tas-salvataġġ tal-ħajja u għat-tagħlim; apparati u strumenti għat-twassil, distribuzzjoni, trasformazzjoni, tiġmigħ, regolazzjoni jew kontroll tal-kurrent elettriku; tagħmir għall-ġarr ta' data f'forma manjetika, diski għar-reġistrazzjoni; diski kumpatti, DVD u mezzi oħra ta' ħażna diġitali; mekkaniżmi li jaħdmu bil-munita; cash registers, kalkulaturi, tagħmir għall-ipproċessar ta' data, kompjuters; software; u apparat għat-tifi tan-nar.

10 — Il-klassi 12 issemmi: "vetturi u apparat għal-lokomozzjoni fuq l-art, fl-ajru u fil-baħar".

11 — Il-Ftehim ġie emendat fit-28 ta' Settembru 1979.

18. Nissan ikkontestat id-deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2011 quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, billi ppreżentat notifika tal-appell bil-miktub tal-25 ta' Novembru 2011, konformement mal-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009.

19. Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Settembru 2012 [12], il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell ta' Nissan, billi kkonstata li (l-ewwel) talba għat-tiġdid tat-trade mark għall-prodotti fil-klassijiet 7 u 12 kienet tikkostitwixxi ċessjoni parzjali, espliċita u inekwivoka, fis-sens tal-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 207/2009, għat-tiġdid tagħha fir-rigward tal-prodotti fil-klassi 9, ċessjoni li pproduċiet effetti għall-proprjetarju tat-trade mark hekk kif ġie informat biha l-UASI.

20. Il-Bord tal-Appell sostna, barra minn hekk, li qabel id-dikjarazzjoni ta' ċessjoni, vinkolanti għall-proprjetarju tat-trade mark, ma kienx applikabbli t-terminu addizzjonali ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009. Fid-dawl tar-reġistrazzjoni tat-tiġdid parzjali u tal-komunikazzjoni sussegwenti tiegħu lill-parti interessata, kif ukoll tal-effetti *erga omnes* li jirriżultaw miż-żewġ atti, il-Bord tal-Appell qies li, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, Nissan ma setgħetx tirrevoka d-deċiżjoni tagħha li ma ġġeddidx it-trade mark għal ċerti prodotti.

III. **Is-sentenza appellata**

21. Fil-21 ta' Diċembru 2012, Nissan ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali li fih talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Insostenn tat-talba tagħha invokat motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 47 u 50 tar-Regolament Nru 207/2009.

22. Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Nissan. Minkejja li qieset li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi billi qabbel in-nuqqas ta' talba għat-tiġdid tat-trade mark ma dikjarazzjoni ta' ċessjoni [13], il-Qorti Ġenerali eskludiet in-nullità tad-deċiżjoni kkontestata peress li, fil-fehma tagħha [14], l-applikazzjoni tal-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009 kienet twassal għall-istess soluzzjoni adottata mill-UASI u kkorroborata mill-Bord tal-Appell.

23. Skont il-Qorti Ġenerali, it-terminu addizzjonali stabbilit mill-Artikolu 47(3) (jiġifieri s-sitt xhur segwenti għad-data ta' skadenza tal-perijodu ta' protezzjoni tat-trade mark) [15] huwa ta' natura eċċezzjonali fir-rigward tat-terminu inizjali. La l-portata u lanqas il-formulazzjoni tal-Artikolu 47(3) ma jippermettu l-possibbiltà li jiġu ppreżentati talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi. B'mod partikolari, il-kliem "[j]ekk dan ma jseħħx" jimplikaw li t-terminu eċċezzjonali ma huwiex applikabbli jekk titressaq talba għat-tiġdid matul it-terminu ordinarju. Fid-dawl tal-effett *erga omnes* tat-tiġdid parzjali, mill-ġurnata ta' wara li jkun iddekorra l-perijodu preċedenti ta' validità, il-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi tressiq ulterjuri ta' talbiet għat-tiġdid.

12 — Każ R 2469/2011-1.

13 — Punti 27 sa 30 tas-sentenza appellata. Peress li dwar dan ma teżistix diskussjoni fl-appell, għandu sempliċement jingħad li l-Qorti Ġenerali bbażat il-motivazzjoni tagħha fuq tliet premessi: a) il-proprjetarju tat-trade mark ma ppreżenta ebda dikjarazzjoni ta' ċessjoni bil-miktub, hekk kif inhu rikjest mill-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 207/2009; b) il-formola ta' tiġdid lanqas ma tinkludi dikjarazzjoni espliċita ta' ċessjoni fir-rigward tal-klassijiet ta' prodotti li ma jissemmewx; u ċ) fil-każ ta' Nissan iċ-ċessjoni ma setgħetx tiġi dedotta mill-formola, li ġiet ikkompletata minn rappreżentant tagħha u mhux mill-impriża proprjetarja tat-trade mark innifisha, kontra kif inhu pprovdut fl-Artikolu 50.

14 — Punti 38 sa 43 tas-sentenza appellata.

15 — L-imsemmi perijodu huwa ta' għaxar snin mid-data tat-talba oriġinali, skont l-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 207/2009 (ara l-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet).

24. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati l-bqija tal-argumenti mressqa minn Nissan fir-rikors tagħha, inkwantu din l-impriża sostniet: a) li kien inkiser l-Artikolu 5a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali [16] u l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [17]; b) li t-tneħħija tal-prodotti fil-klassi 9 mid-dritt tagħha ta' trade mark kienet tikkostitwixxi modifika illegali, kuntrarja għall-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009; ċ) li d-deċiżjoni ta' tiġdid tat-trade mark biss għall-prodotti tal-klassijiet 7 u 12 kienet prematura; u d) li, f'deċiżjonijiet preċedenti, l-UASI kien aċċetta talbiet għat-tiġdid suċċessivi [18].

IV. **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

25. L-appell ta' Nissan ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Mejju 2015, u r-risposta tal-UASI, fid-19 ta' Awwissu 2015.

26. Ma kienx hemm replika jew kontroreplika, skont it-termini tal-Artikolu 175 (1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Nissan, inkwantu appellanti, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tas-6 ta' Settembru 2012, u tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż. Insostenn tat-talbiet tagħha hija tinvoka żewġ aggravji, ibbażati, rispettivament, fuq il-ksur tal-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament Nru 207/2009.

28. L-UASI jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lil Nissan għall-ispejjeż.

29. Ma saret l-ebda seduta, inkwantu ebda waħda mill-partijiet ma talbitha.

V. **L-eżami tal-appell**

A. *Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009*

1. L-argumenti tal-partijiet

30. Fl-ewwel aggravju tagħha, Nissan tikkritika lill-Qorti Ġenerali bi ksur tal-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009, talli qieset li l-paragrafu 3 tiegħu jeskludi t-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi. Hija żżid tgħid li l-proprjetarju ta' trade mark jista' jkollu raġunijiet leġittimi sabiex jipproċedi b'dan il-mod, bħal: a) li ma jġarrabx spejjeż finanzjarji eventwalment mhux neċessarji fir-rigward ta' ċerti klassijiet ta' prodotti u servizzi li jistgħu ma jibqgħux jinteressawha għal skopijiet ta' protezzjoni tat-trade mark tagħha; b) li tittrasferixxi, qabel id-dekorriment tat-terminu addizzjonali, it-trade mark lil terza persuna għall-klassijiet li ma ġedditx inizjalment; u ċ) li tikkoreġi żbalji fit-talba għat-tiġdid parzjali preċedenti.

16 — Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali tal-20 ta' Marzu 1883, rivedut għall-aħħar darba fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendat fit-28 ta' Settembru 1979; verżjoni bl-Ingliż disponibbli fis-sit Internet segwenti: http://www.wipo.int/treaties/en/text.jsp?file_id=288515.

17 — B'riferiment għas-sentenza Eurohypo vs UASI (EUROHYPO) (T-439/04; EU:T:2006:119), punt 21.

18 — Punti 45 sa 50 tas-sentenza appellata.

31. Nissan tqis, kuntrarjament għall-kriterju tal-Qorti Ġenerali [19], li ma jeżistux raġunijiet biex l-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009 jiġi interpretat fis-sens li jeskludi t-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi. Ebda element mill-portata litterali tiegħu ma jipprekludi t-tiġdid ta' trade mark permezz ta' numru ta' talbiet. Fl-ewwel lok, hija ssostni li t-terminu addizzjonali jibda jiddekorri, sew fin-nuqqas ta' kull talba għat-tiġdid jew saħansitra fin-nuqqas ta' ħlas tal-miżati matul il-perijodu inizjali ta' tiġdid. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni din il-possibbiltà doppja meta ddikjarat, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, li l-imsemmi terminu addizzjonali huwa suġġett għall-assenza ta' kwalunkwe talba għat-tiġdid matul it-talba inizjali.

32. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali twassal sabiex il-proprjetarji ta' trade marks li jagħmlu sforz sabiex josservaw it-terminu inizjali [l-ewwel sentenza tal-Artikolu 47(3)] jiġu mċaħħda mit-terminu addizzjonali u tibbenefika lil dawk li jistgħu jħallsu l-miżata ulterjuri inerenti għat-terminu addizzjonali.

33. Fit-tieni lok, Nissan issostni li t-talbiet għat-tiġdid parzjali ta' trade mark (għal prodotti speċifiċi) ma jistgħux jiġu ttrattati bħala talbiet ta' kanċellazzjoni ta' din l-istess trade mark għall-bqija tal-prodotti. Inkella, it-talba għat-tiġdid parzjali tkun simili għal ċessjoni, figura ġuridika msemmija fl-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Għalkemm il-Qorti Ġenerali ċaħdet, ġustament, li f'dan il-każ teżisti ċessjoni [20], l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 47 terġa' tintroduċi l-istess żball, din id-darba b'mod differenti.

34. Fit-tielet lok, Nissan tesprimi ruħha, mill-ġdid kontra l-kriterju tal-Qorti Ġenerali [21], li meta l-proprjetarji jressqu b'mod ċar u inekwivoku talbiet għat-tiġdid parzjali, mhux għalhekk jifhmu li t-talbiet sussegwenti tagħhom għandhom jiġu miċħuda. Hija ssemmi żewġ eżempji tal-prassi amministrattiva preċedenti tal-UASI, li fihom ġew aċċettati tiġdidiet parzjali suċċessivi. Dawn iż-żewġ eżempji jsaħħu l-aspettattivi tal-proprjetarji tat-trade marks dwar il-possibbiltà li t-talbiet għat-tiġdid tagħha jiġu ttrattati b'mod progressiv matul iż-żmien. Barra minn hekk, hija talludi għar-Regola 30 tar-Regolament ta' Implementazzjoni, li l-punt 5 tagħha jippermetti, fil-fehma tagħha, li l-miżati ta' tiġdid jitħallsu biss fir-rigward ta' parti mill-klassijiet li fir-rigward tagħhom issir l-applikazzjoni. *A posteriori*, dejjem ġewwa t-terminu addizzjonali, ikunu jistgħu jitħallsu, fuq rieda tal-proprjetarju tat-trade mark, il-miżati relatati mal-bqija tal-klassijiet, fatt li juri l-assenza ta' ostakoli għat-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi.

35. Fir-raba' u fl-aħħar lok, Nissan issostni li r-riferiment għaċ-ċertezza legali bħala ostakolu għat-tiġdidiet parzjali suċċessivi, ladarba tkun ġiet aċċettata u rreġistrata l-ewwel talba għat-tiġdid (punt 40 tas-sentenza appellata), tirriżulta biss jekk l-UASI, bħala ma ġara f'dan il-każ, jadotta u jirreġistra d-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba għat-tiġdid parzjali qabel ma jiskadi t-terminu addizzjonali. Għal Nissan, din id-deċiżjoni tfisser, għal darb'oħra, li dan it-tip ta' talbiet ikun qed jiġi mxebbah maċ-ċessjoni parzjali tat-trade mark.

36. L-UASI jqis li l-appell huwa infondat, ġaladarba l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod korrett l-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament Nru 207/2009.

37. Huwa jallega, fid-dawl tal-punt 38 tas-sentenza appellata, li t-talba għat-tiġdid għandha, normalment, tiġi ppreżentata fi żmien utli matul il-perijodu jew terminu inizjali tas-sitt xhur li jippreċedu d-data ta' skadenza tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni tat-trade mark, konformement mal-ewwel żewġ sentenzi tal-Artikolu 47(3). It-talba għat-tiġdid magħmula matul it-terminu addizzjonali, jew ta' "grazzja", ta' sitt xhur oħra, tikkostitwixxi l-eċċezzjoni.

19 — Punti 38 u 39 tas-sentenza appellata.

20 — Fost ir-rekwiżiti rikjesti mill-aċċettazzjoni taċ-ċessjoni hemm, b'mod partikolari, li l-proprjetarju għandu jesprimi bil-miktub l-intenzjoni li jabbanduna d-dritt tiegħu.

21 — Punt 49 tas-sentenza appellata.

38. Fost l-argumenti li, skont l-UASI, jikkonfermaw l-interpretazzjoni tagħha dwar in-natura straordinarja tat-tiġdid waqt li jkun qed jiddekorri l-perijodu addizzjonali, l-ewwel nett hija l-istruttura nnifisha tal-Artikolu 47, riflessa fil-binomju djalettiku "regola ġenerali/eċċezzjoni"; it-tieni nett hija l-portata litterali tal-preċett, inkwantu juża l-espressjoni "[j]ekk dan ma jseħħx"[22] fil-parti inizjali tal-aħħar sentenza tiegħu; it-tielet nett hija l-issuġġettar tat-tiġdid imwettaq matul dan it-terminu għal ħlas ulterjuri li jilħaq il-25 % tal-miżata, limitata għal EUR 1 500[23]; u r-raba' nett, l-implikazzjonijet negattivi li, għas-sistema Ewropea tat-trade marks, jagħtu lil wieħed x'jifhem li t-tiġdid parzjali huwa ammess matul il-perijodu ta' grazzja, b'effett retroattiv tal-inklużjoni[24], ġaladarba r-reġistru ma jkunx jirrifletti fedelment, f'dawn il-każijiet, il-livell ta' protezzjoni mogħtija lil trade mark, fatt li jiġġenera nuqqas ta' ċertezza legali.

39. Għaldaqstant, l-UASI jqis li s-sentenza appellata ma kisritx l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009. Il-Qorti Ġenerali applikatu korrettament billi żgurat li talba għat-tiġdid kompleta, imressqa b'mod ċar u inekwivoka fi ħdan it-terminu inizjali, skont l-ewwel żewġ sentenzi tal-imsemmija dispożizzjoni, teskludi l-applikazzjoni tat-tielet sentenza tagħha. Għall-UASI, l-istess konklużjoni tkun valida li kieku t-tiġdid kellu jsir biss għal uħud mill-prodotti u servizzi protetti mit-trade mark: ma jkunx ifisser li din it-talba taqa' taħt it-tielet sentenza, inkwantu dan ma jkunx każ li jista' jixxiebah għal assenza ta' talba ("[j]ekk dan ma jseħħx").

40. L-UASI jallega li, konformement mal-Artikolu 47(4) tar-Regolament Nru 207/2009, it-tiġdid tat-trade mark huwa possibbli biss għall-prodotti jew is-servizzi espressament identifikati fit-talba korrispondenti. Minn din l-aħħar regola jista' jiġi dedott li, meta jitlob it-tiġdid għal uħud mill-prodotti jew servizzi rreġistrati, il-proprjetarju tat-trade mark jiddikjara jew jammetti impliċitament li ma jixtieqx jestendi l-protezzjoni fir-rigward tal-kumplament. Huwa jsostni li din id-deduzzjoni ma tfissirx li t-talbiet għat-tiġdid parzjali għandhom jiġu ttrattati bħala ċessjoni parzjali fis-sens tal-Artikolu 50 tar-Regolament Nru 207/2009.

41. Fil-fehma tal-UASI, jekk talba tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel żewġ sentenzi tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009, it-tieni sentenza tal-Artikolu 47(5) timponi l-obbligu li dan it-tiġdid jiġi rreġistrat mingħajr ma wieħed jistenna d-dekorriment tat-terminu addizzjonali. Minħabba rekwiżiti ta' ċertezza legali la l-awtoritajiet kompetenti u lanqas il-pubbliku ma jistgħu jiġu mitluba jipprevedu l-estensjoni ulterjuri eventwali ta' trade mark li diġà ġiet parzjalment imġedda għal prodotti u servizzi oħra li fir-rigward tagħhom, speċifikament, ma ntalabx it-tiġdid.

42. Fl-aħħar nett, l-UASI jqis li huma irrilevanti, għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni kontenzjuża, ir-raġunijiet ta' Nissan sabiex tiġġustifika li l-proprjetarju ta' trade mark jista' jkollu interess li jdewwem it-talba għat-tiġdid fir-rigward ta' prodotti jew servizzi speċifiċi.

2. Analiżi tal-aggravju

a) Osservazzjonijiet preliminari u motivazzjoni

43. Dan l-appell iqiegħed manifestament f'kuntrast żewġ modi ta' kif għandu jiġi interpretat il-proċediment ta' tiġdid tat-trade marks Komunitarji, meta jkollha tingħata deċiżjoni dwar il-vijabbiltà tat-tiġdidiet parzjali suċċessivi, fid-dawl tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

22 — L-UASI jirreferi wkoll għal verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament Nru 207/2009 li fihom dan l-aspett huwa manifest, b'mod speċifiku, il-verżjoni Ingliża u l-verżjoni Franċiża.

23 — L-UASI jirreferi għall-Artikolu 2(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 291).

24 — Skont l-Artikolu 47(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

44. L-ewwel approċċ propost mill-UASI u kkonfermat mill-Qorti Ġenerali, huwa marbut ma' interpretazzjoni proċedurali li nikkwalifika bħala "riġida". Il-proprjetarju ta' trade mark li waslet biex tiskadi jista' jġeddidha permezz ta' att wieħed biss, fejn jista' jimla debitament formola waħda biss u għandu jibgħatha lill-UASI qabel ma jiskadi t-terminu għat-tiġdid (sew jekk it-terminu inizjali sew jekk dak addizzjonali). Barra minn hekk, ikollhom jitħallsu l-miżati marbuta ma dan il-proċediment. Jekk dawn il-passi jiġu segwiti, l-UASI jipproċedi sabiex jirreġistra t-talba għat-tiġdid għall-prodotti u servizzi indikati fil-formola.

45. It-tieni approċċ, propost minn Nissan (u aċċettat, milli jidher, mill-UASI f'każijiet preċedenti) [25], isostni l-assenza ta' ostakoli ġuridiċi għat-tressiq ta' talbiet għat-tiġdid parzjali f'mumenti distinti, dejjem qabel ma jiddekorru t-termini u permezz tal-ħlas ta' miżati. Skont dan l-approċċ, l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jammetti interpretazzjoni iktar "dinamika", sa fejn jagħti lill-proprjetarju tat-trade mark ċerta flessibbiltà biex jagħżel jekk għandux iġedded il-protezzjoni bir-reġistrazzjoni tas-sinjali tiegħu għall-prodotti u servizzi preċedentement koperti kollha jew għal uħud minnhom biss, deċiżjoni li tista' sseħħ b'żewġ talbiet suċċessivi jew iktar, fi ħdan terminu legalment stabbilit.

46. Għalhekk, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha titfa' dawl fuq id-dispożizzjoni inkwistjoni, billi tagħżel bejn wieħed miż-żewġ approċċi proposti. Peress li l-problema ġuridiku hija inedita, din għandha tiġi riżolta – mingħajr riferiment għall-ġurisprudenza – permezz tal-użu tal-kriterji ermenewtiċi klassiċi, fid-dawl tal-aġġustamenti kkontribwiti mid-dritt tal-Unjoni.

47. L-appell ippreżentat minn Nissan ser jiġi debitament ittrattat sa fejn jiġu evalwati ż-żewġ pilastri bażiċi tal-argumentazzjoni tal-Qorti Ġenerali: 1) in-natura eċċezzjonali tat-terminu addizzjonali, li jipprekludi t-tressiq ta' talbiet għat-tiġdid supplementari, u 2) il-ħtieġa li tiġi ppreżervata ċ-ċertezza legali, wara r-reġistrazzjoni tal-ewwel talba għat-tiġdid. L-analiżi tiegħi għalhekk ser issegwi din l-istess struttura argumentattiva.

b) Fuq il-proċediment ta' tiġdid u, b'mod partikolari, fuq in-natura eċċezzjonali tat-terminu addizzjonali

48. Skont il-Qorti Ġenerali [26], minn interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009, u b'mod speċifiku tal-espressjoni "[j]ekk dan ma jseħħx", li tiġdid wara l-perijodu inizjali jista' jintalab biss jekk ma tkun tressqet ebda talba f'dan l-istess sens matul dan l-aħħar perijodu. It-tiġdid għandu jseħħ, bħala prinċipju, matul il-perijodu inizjali u biss bħala eċċezzjoni matul dak addizzjonali. Din l-aħħar possibbiltà hija, għalhekk, vijabbli biss meta ma tkun tressqet ebda talba matul it-terminu inizjali.

49. Nissan tikkontesta dan l-argument tal-Qorti Ġenerali u nemmen li għandha tingħata r-raġun.

50. Il-Qorti Ġenerali tinterpreta b'mod litterali l-kunċett billi tiffoka fuq l-espressjoni "[j]ekk dan ma jseħħx", li, fil-fehma tagħha, timplika assenza ta' talba għat-tiġdid matul il-perijodu "ordinarju", bħala fattur li jippermetti l-applikazzjoni tal-Artikolu 47(3).

25 — Il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet fil-punt 50 tas-sentenza appellata l-eżistenza ta' dawn il-preċedenti amministrattiva fejn, sussegwentement, sostniet li ma kinitx ivvinkolata bihom.

26 — Punt 38 tas-sentenza appellata.

51. L-użu ta' dan il-kriterju ermenewtiku jsir, madankollu, fuq uħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009, u ma jqisx il-viżjoni globali deduċibbli mir-redazzjoni tiegħu f'lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni. L-espressjoni "[j]ekk dan ma jseħħx", u oħrajn simili, jinsabu fil-verżjoni Franċiża,[27] f'dik Ingliża[28], f'dik Spanjola[29] u f'dik Taljana[30], iżda ma tidhirx bħala tali, minn tal-inqas, fil-verżjoni Ġermaniża[31], f'dik Portugiża[32], u f'dik Olandiża[33], fost oħrajn.

52. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[...] il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-fatt għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi, fid-dawl tal-verżjonijiet bil-lingwi kollha tal-Unjoni. Fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, din għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha"[34].

53. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma hijiex biżżejjed, waħedha, sabiex turi jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi jew le. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti, il-konstatazzjoni tad-diverġenzi fil-portata tad-dispożizzjoni kkontestata ta' test leġiżlattiv tal-Unjoni sempliċement jinvalida l-utilità tal-kriterju ermenewtiku litterali f'dan il-każ speċifiku[35], b'tali mod li għandu jsir riferiment għall-kriterji sistematiċi u teleoloġiċi.

54. Peress li l-Qorti Ġenerali ddeduċiet mill-kliem "[j]ekk dan ma jseħħx" in-natura eċċezzjonali tat-tieni terminu ta' tiġdid, fil-konfront tal-ewwel terminu, id-differenzi idjomatiċi indikati jipprekludu, *eo ipso*, li jitqies li l-kliem tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jattribwixxi karattru ta' "eċċezzjoni" lit-tieni perijodu.

55. Barra minn hekk, l-espressjoni li tinsab fil-verżjonijiet imsemmija preċedentement (Franċiża, Spanjola, Ingliża u Taljana, fost oħrajn) lanqas ma għandha t-tifsira univoka li donnha tattribwilha s-sentenza appellata u mingħajr wisq ħsieb tidher li tammetti li t-tieni perijodu jkun alternattiv tal-ewwel.

56. Anki jekk l-Artikolu 47(3) jintroduċi bħala "regola" t-tressiq tat-talba għat-tiġdid fit-terminu inizjali ta' sitt xhur, ir-riferiment għall-perijodu addizzjonali ma għandu jinkludi ebda kundizzjoni li tippermetti li jiġu ddeterminati l-każijiet li jistgħu jagħmlu eċċezzjoni minnha. L-uniku element li verament joħloq differenza bejn iż-żewġ termini hija l-miżata ulterjuri li jinvolvi t-tieni terminu.

57. Fil-qosor, mill-verżjonijiet li jinkludu l-espressjoni "[j]ekk dan ma jseħħx", jew simili, ma jistax jiġi konkluż b'ċertezza totali li t-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi għandhom jiġu awtomatikament miċħuda. Nissuspetta li l-fatt li wieħed isib projbizzjoni ta' dan it-tip fid-dispożizzjoni kontenzjuża huwa r-riżultat ta' projezzjoni tal-approċċ "riġidu", li għamilt riferiment għalih preċedentement, fuq it-test regolatorju, forsi b'mod mhux kuxjenti, pjuttost milli deduzzjoni loġika miksuba mill-interpretazzjoni tagħha.

27 — "À défaut".

28 — "Failing this".

29 — "A falta de ello".

30 — "In caso contrario".

31 — "Der Antrag und die Gebürhen können noch innerhalb einer Nachfrist von sechs Monaten […] eingereicht oder gezahl warden […]".

32 — "O pedido pode ainda ser presentado e as taxas pagas num prazo suplementar de seis meses […]".

33 — "De indiening van de aanvrage en de voldoening van de taksen kunnen nog binen een extra termin van zes maanden […]".

34 — Sentenzi Institute of the Motor Industry (C-149/97, EU:C:1998:536), punt 16; Kurcums Metal (C-558/11, EU:C:2012:721), punt 48; u GSV (C-74/13, EU:C:2014:243), punt 27.

35 — Din hija l-modulazzjoni relatata mal-ispeċifikazzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li għaliha għamilt riferiment fil-punt 46.

58. Mill-perspettiva tal-interpretazzjoni sistematika tar-Regolament Nru 207/2009, lanqas ma niddeduċi li t-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi huma pprojbiti, iżda pjuttost il-kuntrarju. L-UASI invoka l-Artikolu 47(4) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009 u Nissan, min-naħa tagħha, ir-Regola 30(5) tar-Regolament ta' Implementazzjoni. Naħseb, madankollu, li ebda wieħed minn dawn l-argumenti ma huwa validu biex tinsab soluzzjoni, minn perspettiva sistematika, għad-diskussjoni dwar l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

59. Fir-rigward tal-Artikolu 47(4) tar-Regolament Nru 207/2009, l-għan tiegħu ma huwiex li jillimita t-talbiet għat-tiġdid għal waħda, u lanqas ma jikkontribwixxi sabiex l-Artikolu 47(3) ikollu din il-konsegwenza. Huwa jillimita ruħu sabiex jistabbilixxi, billi japplika l-prinċipji ta' volontarjetà ta' inklużjoni [36] u ta' kongruwenza [37], li, jekk il-proprjetarju ta' trade mark fis-seħħ jagħmel talba f'dan is-sens (u jħallas il-miżata korrispondenti), l-UASI għandu jwettaq l-inklużjoni, imġedda, għall-prodotti jew servizzi li fir-rigward tagħhom tressqet it-talba għat-tiġdid. Għaldaqstant dan huwa sempliċi avviż, ta' natura regolatorja, lill-partijiet ikkonċernati kollha, li jimpenjahom josservaw id-diliġenza u r-reqqa' neċessarji meta jagħmlu t-talbiet tagħhom għat-tiġdid. Huwa jistabbilixxi, fl-istess waqt, il-metodu għall-aġir tal-UASI fir-rigward ta' dawn tal-aħħar. Huwa ma jgħid xejn, la f'sens u lanqas fl-ieħor, dwar il-vijabbiltà jew il-projbizzjoni tat-talbiet suċċessivi.

60. L-Artikolu 47(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jimponix fuq l-UASI, bil-kontra dak li jsostni dan l-organu, l-obbligu li jipproċedi għar-reġistrazzjoni tat-tiġdid qabel ma jintemm it-terminu addizzjonali. Meta jipprovdi li t-tiġdid jibda jħalli l-effetti tiegħu mill-ġurnata ta' wara d-data tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni, huwa juri sempliċement li r-reġistrazzjoni tat-tiġdid, ladarba sseħħ, la tqassar il-perijodu ta' għaxar snin ta' validità tat-trade mark (jekk it-talba ssir qabel id-data tal-iskadenza), u lanqas ma tkabbar dan il-perijodu b'mod indebitu (jekk ir-reġistrazzjoni, għal raġuni kwalunkwe, isseħħ wara dik id-data). Fi kliem ieħor, il-leġiżlatur xtaq jiżgura li, ikun liema jkun il-mument ta' reġistrazzjoni tat-tiġdid, il-protezzjoni tat-trade mark irreġistrata tkompli mingħajr interruzzjoni mill-ġurnata ta' wara d-data li fiha kienet tiskadi.

61. L-Artikolu 47(5) tar-Regolament Nru 207/2009 għaldaqstant jirrigwarda biss l-osservanza skrupoluża tat-tul tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni, jiġifieri għaxar snin għal kull reġistrazzjoni u mingħajr interruzzjoni. B'dan il-mod jiġi evitat, fost affarijiet oħra, li kwalunkwe dewmien fit-trażmissjoni tat-talba għat-tiġdid jippreġudika l-kontinwità tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni tat-trade mark. Fi kliem ieħor, minnu ma jirriżultax li l-UASI għandu l-obbligu li jirreġistra t-tiġdid qabel ma jintemm il-perijodu addizzjonali, kif tallega din l-aġenzija.

62. Fir-rigward tar-Regola 30(5) tar-Regolament ta' Implementazzjoni, invokata minn Nissan insostenn tal-argumenti tagħha, ma naħsibx li dan jikkostitwixxi argument la favur u lanqas kontra t-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi. Din ir-regola tikkontempla, fl-ewwel lok, il-każijiet (assenza jew preżentazzjoni tardiva tat-talba wara t-terminu ta' grazzja, nuqqas ta' ħlas tal-miżati, nuqqas ta' rimedjar tan-nuqqasijiet osservati) li fihom l-UASI għandu jiddikjara li r-reġistrazzjoni skadiet. Hija żżid, sussegwentement, provvediment għal meta l-miżati mħallsa ma jkunux "suffiċjenti biex ikopru l-klassijiet kollha ta' l-oġġetti u servizzi li għalihom it-tiġdid qed jintalab", fejn l-UASI ma għandux jiddikjara l-iskadenza tar-reġistrazzjoni "jekk ikun ċar liema klassi jew klassijiet għandhom ikunu koperti". L-ebda waħda minn dawn il-prevenzjonijiet ma tippreżupponi, fl-opinjoni tiegħi, l-aċċettazzjoni jew il-projbizzjoni tal-possibbiltà li jitressqu talbiet suċċessivi.

36 — Dan il-prinċipju, li jimplika li s-soluzzjoni tistrieħ biss fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-partijiet, jikkostitwixxi wieħed mill-iktar prinċipji karatteristiċi tad-dritt tat-trade marks.

37 — Il-prinċipju ta' kongruwenza (jew ta' koerenza proċesswali) jobbliga li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet hekk kif ikunu ġew ifformulati, mingħajr ma jaġixxi *ultra petita*.

63. Anki jekk ma nemminx li l-kriterju ta' interpretazzjoni sistematika huwa wisq utli għas-soluzzjoni tat-tilwima, fid-dawl tal-argumenti preċedenti, jista' jkun li l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu jitqiegħed f'relazzjoni mad-dmir, li għandu l-UASI skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, li jinforma lill-proprjetarju tat-trade mark dwar l-iskadenza imminenti tal-protezzjoni mogħtija lis-sinjal tiegħu. Filwaqt li l-Artikolu 47(2) jistabbilixxi li "[j]ekk din l-informazzjoni ma tingħatax, dan ma jinvolvix ir-responsabbiltà tal-"UASI, jidher loġiku li wieħed jaħseb li l-leġiżlatur, permezz tal-irduppjar tat-terminu inizjali, xtaq itaffi l-problemi li tista' toħloq il-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjonijiet ta' trade marks mingħajr l-avviż minn qabel li dawn ikunu ser jiskadu. L-eżenzjoni mir-responsabbiltà tal-UASI, talli ma jkunx ittrażmetta dan l-avviż, hija sa ċertu punt ikkumpensata b'perijodu addizzjonali mogħti lill-proprjetarji tat-trade marks, li għandhom sitt xhur ulterjuri biex isiru jafu, waħedhom, bl-iskadenza tas-sinjali protetti tagħhom u sabiex jirreaġixxu b'mod konsegwenti.

64. Il-kriterju litterali u dak sistematiku, għalhekk, bl-ebda mod ma huma favur interpretazzjoni tad-dispożizzjoni li minnha tista' tiġi dedotta l-projbizzjoni tat-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi. Għaldaqstant wieħed għandu jirreferi għall-kriterju teleoloġiku u għall-funzjoni inerenti għall-proċedimenti ta' tiġdid tat-trade marks Komunitarji. Għalkemm dawn jinkludu l-ħtieġa li jiġu osservati ċerti formalitajiet u termini, dan ma huwiex sabiex jiġu imposti oneri li diffiċilment jistgħu jiġu interpretati mill-proprjetarji tagħhom, iżda sabiex jiffaċilitawlhom, b'mod omoġeneu u ordnat, l-estensjoni tal-perijodu li matulu għandha titkompla l-protezzjoni tat-trade marks.

65. F'dan is-sens, l-għan tar-Regolament Nru 207/2009 huwa li jiffavorixxi t-tiġdid suċċessiv, għal perijodi ta' għaxar snin, tas-sinjali distintivi diġà rreġistrati, fid-dawl tal-importanza ekonomika tagħhom għall-ħajja tal-impriżi proprjetarji u taċ-ċirkustanza li dawn għandhom drittijiet ta' proprjetà fuq dawn is-sinjali. Hekk wieħed jifhem aħjar l-introduzzjoni ta' terminu doppju suċċessiv u li l-leġiżlatur tal-Unjoni jammetti, bħala rimedju aħħari u ladarba jiddekorru ż-żewġ perijodi (dak ordinarju u dak ta' grazzja), talba ulterjuri tal-proprjetarju tat-trade mark sabiex jiġi reintegrat fid-drittijiet tiegħu, meta jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 207/2009 (*restitutio in integrum*).

66. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009 għandha ssir, għalhekk, fid-dawl tal-kriterju li jiġi ffaċilitat, sa fejn ikun legalment possibbli, it-tiġdid tat-trade marks Komunitarji. Hekk kif, b'mod ġenerali, il-proċedimenti ġudizzjarji huma rregolati bil-prinċipju *pro actione* (jew *favor actionis*) bħala regola ta' soluzzjoni quddiem dubji eventwali ta' natura ermenewtika, dan il-prinċipju jista' jiġi estiż għall-proċedimenti amministrattivi għall-ksib, fuq talba tal-parti kkonċernata, tat-tiġdid, għal perijodu ieħor ġdid, tar-reġistrazzjonijiet eżistenti fir-reġistru.

67. Minn din il-perspettiva, il-pożizzjoni tal-UASI, ikkonfermata mill-Qorti Ġenerali, tkun ammissibbli biss fil-preżenza ta' projbizzjoni espliċita tat-talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi, li tkun tista' tiġi dedotta, mingħajr diffikultà, mill-Artikolu 47 tar-Regolament Nru 207/2009. Fl-assenza tal-imsemmija projbizzjoni, ma nikkonstatax ostaklu ġuridiku għat-tressiq ta' żewġ talbiet li, kif jiġri f'dan il-każ, jidentifikaw il-prodotti u servizzi b'mod separat u b'mod suċċessiv, dejjem fi ħdan it-termini li fihom għandhom jitħallsu l-miżati u l-miżati ulterjuri.

68. Fil-qosor, l-Artikolu 47(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jagħti, fil-verità, lill-proprjetarju ta' trade mark li diġà hija rreġistrata sena sabiex din tiġġedded, maqsum f'żewġ perijodi ta' sitt xhur, li jibda' mid-*dies a quo* tat-terminu sitt xhur qabel l-aħħar ġurnata tax-xahar li fiha jintemm il-perijodu ta' protezzjoni u li jiskadi sitt xhur wara din l-istess ġurnata. La t-tqassim tat-terminu f'żewġ intervalli, li l-unika differenza hija l-miżata ulterjuri prevista għat-talbiet imressqa fit-tieni terminu, la l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni u lanqas l-istruttura tagħha ma jipprekludu t-tressiq ta' talbiet għat-tiġdid parzjali suċċessivi, b'mod partikolari, sabiex jiġu speċifikati l-oġġetti u s-servizzi li għalihom għandu japplika dan it-tiġdid.

c) Fuq iċ-ċertezza legali fil-proċediment ta' tiġdid

69. Nissan tikkritika l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali [38] li tgħid li t-tressiq ta' talba għat-tiġdid parzjali, kumplementari għal waħda preċedenti, hija kuntrarja għaċ-ċertezza legali meta tkun diġà saret ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ewwel talba. Is-sentenza appellata, fil-punt 41 tagħha, tenfasizza li l-protezzjoni indispensabbli taċ-ċertezza legali, fid-dawl tal-effetti *erga omnes* li r-reġistrazzjoni tat-tiġdid tipproduċi, tibda mill-ġurnata ta' wara d-data tal-iskadenza tat-trade mark.

70. Jiena wkoll fuq dan il-punt naqbel mal-fehma ta' Nissan. Kif diġà spjegajt [39], l-Artikolu 47(5) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jinkludi ebda mandat li jobbliga lill-UASI jirreġistra t-tiġdid qabel ma jiskadi t-terminu addizzjonali. Meta jkun hemm dewmien, sew minħabba l-ħtieġa li jiġu korretti rregolaritajiet [40], sew għal raġunijiet oħra li jipprekludu li ssir ir-reġistrazzjoni malajr u qabel ma jiddekorri t-terminu addizzjonali, għandu jkun possibbli, permezz ta' nota fir-reġistru, li t-tiġdid jinżamm sospiż sakemm tiġi kkjarifikata l-problema kkonstatata.

71. Fir-rigward taċ-ċertezza legali, nemmen, barra minn hekk, li għandu jitfakkar li jeżistu diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, u tar-Regolament ta' Implementazzjoni, li fihom huma indikati l-interessi tal-leġiżlatur li r-reġistrazzjoni tat-trade marks tkun konformi mar-realtà. Din l-idea tirriżulta b'mod ċar fil-mekkaniżmi intiżi sabiex jiġu riżolti d-differenzi bejn ir-realtà tal-protezzjoni, hekk kif jipperċepiha l-proprjetarju ta' trade mark, u t-tfassil tagħha fir-reġistru. Għalhekk, ir-Regola 30(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni timponi fuq l-UASI l-obbligu li jikkomunika lil min jitlob tiġdid l-irregolaritajiet osservati fit-talba tiegħu; l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jippermetti, f'ċerti limiti, li talba għal trade mark tiġi emendata, anki ladarba din tiġi ppubblikata; u l-Artikolu 81 ta' dan l-aħħar regolament jipprovdi l-possibbiltà, suġġetta għat-twettiq ta' ċerti rekwiżiti, li jintalab *restitutio in integrum* meta l-proprjetarju ta' trade mark ma setax josserva terminu.

72. F'dan il-kuntest, l-uniku aggravju mressaq mill-Qorti Ġenerali, fir-rigward taċ-ċertezza legali, ma jidhirlix li huwa konvinċenti; għall-kuntrarju, jikkorrobora l-fatt li kienet l-attitudni tal-UASI, li ħaffef fir-reġistrazzjoni tat-talba għat-tiġdid saħansitra qabel l-iskadenza tat-terminu addizzjonali, li tat lok għall-allegat nuqqas ta' ċertezza legali msemmi minnu. Kien, definittivament, it-trattament "awtomatiku", u preċipituż min-naħa tal-UASI, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tat-talba, il-kawża għaċ-ċaħda tat-tiġdid parzjali ulterjuri sabiex ma jinħoloqx nuqqas ta' ċertezza legali.

73. Barra minn hekk Nissan issostni [41], li fil-każ inkwistjoni hija kienet ħallset mill-bidu nett l-ammont tal-miżati biex tkopri l-ispejjeż għat-tiġdid tat-tliet klassijiet protetti mit-trade mark tagħha, fatt li jmissu wassal lill-UASI jivverifika jekk it-talba kinitx kompleta. Minkejja li dan il-fatt ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni fl-istadju tal-appell, ġaladarba ma jissemmiex fis-sentenza appellata, huwa lanqas ma ġie espressament miċħud mill-parti l-oħra.

74. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jien tal-fehma li l-ewwel aggravju huwa fondat fid-dritt u għaldaqstant għandu jiġi milqugħ. Konsegwentement, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

75. Minkejja li l-eżitu tal-ewwel aggravju jagħmel superfluwa l-analiżi tat-tieni aggravju, ser nesponi, fil-qosor ħafna, il-fehma tiegħi dwar id-deċiżjoni li għandha tingħata, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tiċħad l-ewwel aggravju.

38 — Punt 40 tas-sentenza appellata.

39 — Punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara r-Regola 30(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

41 — Punt 2 tal-appell tagħha.

B. *Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009*

1. L-argumenti tal-partijiet

76. Skont Nissan, it-tiġdid parzjali rreġistrat mill-UASI, li neħħa l-protezzjoni għall-prodotti tal-klassi 9, jikkostitwixxi bidla tat-trade mark li tmur kontra l-projbizzjoni tal-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009. Skont din id-dispożizzjoni, it-trade mark Komunitarja la għandha tinbidel matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni u lanqas ma għandha tinbidel waqt it-tiġdid.

77. B'kuntrast mal-opinjoni tal-Qorti Ġenerali [42], Nissan issostni li l-Artikolu 48 jirreferi biss għas-sinjal li jikkostitwixxi t-trade mark, ġaladarba, minn naħa, ma jsemmix il-kelma "sinjal" u, min-naħa l-oħra, it-trade mark Komunitarja hija dritt dwar indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali ta' prodotti jew servizzi speċifiċi.

78. L-UASI jsostni li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 48 issuġġerita minn Nissan tmur kontra l-portata tal-paragrafu 3 tiegħu. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija kkorroborata mill-Artikolu 43(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009, li jippermettu lill-proprjetarju tat-trade mark jirrestriġi, jiġifieri, jemenda, il-lista ta' prodotti u servizzi. Fil-fehma tal-UASI, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ġustament li r-reġistrazzjoni ta' talba għat-tiġdid kompleta, imressqa fi ħdan it-terminu, iżda biss għal parti tal-prodotti u tas-servizzi li r-reġistrazzjoni kienet tkopri fil-perijodu ta' validità tar-reġistrazzjoni preċedenti, timplika neċessarjament li l-imsemmi proprjetarju ma kellux l-intenzjoni li jestendi t-trade mark Komunitarja għall-prodotti u għas-servizzi restanti iktar lil hinn mill-perijodu ta' protezzjoni li kien wasal biex jintemm.

2. Analiżi tal-aggravju

79. Minkejja li ma naqbilx għal kollox mal-aħħar parti tal-argument tal-UASI għat-tieni aggravju, naqbel mal-fehma tiegħu dwar l-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009. Il-projbizzjoni li t-trade mark tiġi emendata matul il-perijodu ta' validità tar-reġistrazzjoni tirrigwarda kemm is-sinjal kif ukoll il-lista ta' oġġetti u servizzi [43]. L-Artikolu 48(2) ta' dan ir-Regolament jirreferi biss għall-bidla fl-"isem u l-indirizz tal-proprjetarju" tat-trade mark, meta t-tnejn li huma jkunu inklużi fiha. Kull tibdil ta' din l-informazzjoni hija possibbli jekk "ma jaffetwax b'mod sostanzjali l-identità tat-trade mark kif kienet reġistrata oriġinarjament".

80. Il-problemi li jqajjem l-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009 ma għandhomx x'jaqsmu ma' dawk li jirriżultaw mill-attività amministrattiva meħtieġa għar-reġistrazzjoni tat-tiġdid tat-trade marks. Bħalma tiġdid parzjali konformi mal-Artikolu 47 (pereżempju, fil-każ ta' dewmien evidenti tat-"tieni" talba) ma jwassalx għall-konklużjoni li r-riżultat kien imur kontra l-Artikolu 48(2) tar-Regolament Nru 207/2009, jiġifieri, ma jfissirx li huwa "tibdil" ipprojbit tat-trade mark, lanqas ma jikser l-Artikolu 48 il-fatt li l-UASI interpreta f'dan il-każ b'mod żbaljat l-Artikolu 47 u ta biss it-tiġdid limitat.

42 — Punt 48 tas-sentenza appellata.

43 — Bender, A., "Eintragung und Verlängerung einer Gemeinschaftsmarke", fi Fezer, K.-H., *Handbuch der Markenpraxis, Band I – Markenverfahrensrecht*, ed. C.H. Beck, München, 2007, p. 651.

81. Il-projbizzjoni ta' tibdil tat-trade marks Komunitarji, stabbilita fl-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 207/2009, ma tipprekludix il-possibbiltà li, meta jsir it-tiġdid tagħhom, il-portata tal-protezzjoni tiġi llimitata għal ċerti klassijiet ta' prodotti jew servizzi, u mhux għal dawk kollha li sa dak il-mument kienu jgawdu minnha. Din id-dispożizzjoni tirreferi biss għal bidliet tas-sinjal, li jista' jinbidel fil-limiti imposti mid-dispożizzjoni nnifisha u mingħajr inċidenza fuq il-karattru distintiv[44].. Apparti dan, ma jkunx jagħmel sens li l-Artikolu 48(2) japplika għall-prodotti u servizzi meta, infakkar, dan jirrigwarda esklużivament bidliet fl-isem u fl-indirizz inklużi oriġinarjament fit-trade mark.

82. Għalhekk, fil-każ li l-ewwel aggravju jiġi miċħud, it-tieni aggravju ma jistax jiġi milqugħ u għandu jiġi miċħud.

VI. **Il-konsegwenzi tal-annullament tas-sentenza appellata**

83. Il-fatt li l-ewwel aggravju jintlaqa' jwassal għall-annullament sussegwenti tas-sentenza appellata sa fejn hija kkonfermat id-deċiżjoni li ma tiġix aċċettata t-talba għat-tiġdid parzjali ta' Nissan.

84. Loġikament, id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell għandha tiġi annullata wkoll. Madankollu, peress li l-argument ta' dan il-bord kien ibbażat fuq il-fatt li jitqies bħala rinunzja n-nuqqas ta' riferiment tal-klassi 9 ta' prodotti u servizzi fit-talba għat-tiġdid inizjali ppreżentata minn Nissan, il-ħsibijiet esposti fil-punti 25 sa 30 tas-sentenza appellata, li nqis li ġew ikkonstatati, jibqgħu għal kollox validi u jiġġustifikaw l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata minn Nissan quddiem il-Qorti Ġenerali. Is-sentenza li għandha tingħata mill-Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja adita b'dan l-appell tista' tiġi applikata mill-bord, bla ħsara għal kull tibdil skont l-interpretazzjoni tiegħu tat-tilwima.

85. Fl-aħħar nett, iċ-ċaħda tas-sentenza appellata tobbliga lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll dwar l-ispejjeż tal-ewwel istanza. Konformement mal-Artikolu 137(1) moqri fid-dawl tal-Artikolu 184(2), it-tnejn li huma tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-UASI għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż tal-ewwel istanza u tal-appell, inkwantu l-argumenti tagħha ġew miċħuda u l-appellanti għamlet talba f'dan is-sens.

VII. **Konklużjoni**

86. Fid-dawl tar-raġunamenti preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) Tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-572/12, Nissan Jidosha vs UASI.

2) Tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Settembru 2012, fil-Każ R 2469/2011-1.

3) Tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

44 — *Idem*; ara wkoll Geroulakos, P., "Título V: Vigencia, renovación y modificación de la marca comunitaria – Artículo 48", f'Casado Cerviño, A./Llobregat Hurtado, M.-L., *Comentarios a los reglamentos sobre la marca comunitaria*, ed. La Ley, 2 ed., Madrid, 2000, p. 442.